**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 57/2023 -- Kontinwazzjoni**

**19 ta' Ġunju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-06:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Terrence Ellul | Kunsillier |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

Ħadd

Is-Sindku ippresedjiet l-laqgħa.

**57.01 Talba**

57.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**57.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

57.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**57.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

57.05.01 Il-Kunsillier Sciberras staqsa liema toroq ser isiru minn Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa skedata ma' IM dwar is-suġġett għal nhar il-Ġimgħa.

57.05.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex il-funtani tal-*jogging track* ilhom snin ma jaħdmu. Is-Sindku nfurmat li kienet ser tiċċekkja ma Infrastructure Malta waqt il-laqgħa li ser ikollha magħhom

57.05.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa liema xogħol sar ibbażat fuq ir-rapporti li kien ippreżenta fil-laqgħa preċedenti. Is-SE informa li l-*leakage* fuq id-*drip irrigation* kien issewwa għal darba darbtejn però xorta għadu qed jagħmel l-ilma. Kien hemm qbil li nerġgħu inkellmu lill-ELC. Huwa qal ukoll li l-ħaddiema tal-ELC qed jirrifjutaw li jaħdmu fuq il-post minħabba n-numru ta' siringi u ħmieġ tal-klieb li kienu qed isibu.

57.05.04 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex il-*Picnic Area* kienet qed tibqa tixgħel wara d-9:00 pm jiġifieri wara li jagħlaq il-Ġnien. Is-Sindku nfurmat li kienet tat struzzjonijiet sabiex id-dawl jintefa u għalhekk jidher li reġa' hemm xi ħsarat fit-*timer*. Dwar dan ser inkellmu lill-kuntrattur.

57.05.05 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex il-mirja li hemm x'ħin toħroġ minn Santa Luċija lejn it-triq tal-Barrani baqgħu ma tranġawx. Is-Sindku nfurmat li Infrastructure Malta mhux lesti li jirranġaw l-imsemmija mirja. Ġie deċiż li nerġgħu inkellmu lil Infrastructure Malta dwar il-każ.

57.05.06 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex l-*ispeed limit* ta' Triq il-Prinjoli qiegħed 50 u mhux 30 u għal dan il-għan ser niċċekkjaw ma' Transport Malta peress li konna ktibna sabiex il-*limit* jinżel minn 50 għal 30.

57.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kif konna bqajna dwar ir-*road signs* mill-Gudja għal Santa Luċija. Is-Sindku u s-SE infurmaw li konna għamilna tlabna li parti miż-żewġ toroq isiru *One Way* u rridu naraw fiex waslu dawn it-talbiet.

57.05.08. Il-Kunsillier Sciberras staqsa fiex wasalna fuq it-talba tagħna għal *Sleeping Policemen*. Is-Sindku nfurmat li Transport Malta kien approvaw li dawn isiru però ftit wara infurmawna li dawn kienu japplikaw biss għat-toroq li baqgħu kif kienu u mhux minn 2-way saru 1-way. Għal dan rġajna ktibna lil-Transport Malta sabiex jagħtuna l-approvazzjoni għal *sleeping policemen* f'dawn it-toroq.

57.05.09 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar fiex wasalna fit-twaħħil ta' *Cat Signs*. Is-Sindku qalet li twaħħlu diversi tabelli simili però għad għandna u nistgħu inżidu. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru fi Vjal l-Oleandri u anke fil-*Promenade*.

57.05.10 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jkun hemm rokna fejn ir-residenti jagħtu l-ikel għal qtates u dawn jitqassmu bejn il-*feeders*. Dwar dan kien hemm qbil.

57.05.11 Il-Kunsillier Sciberras staqsa kemm il-Kunsill jalloka għal manteniment tal-Ġnien tas-Serenita'. Is-SE informa li dan huwa kopert mill-kuntratt tal-ġonna u bħalissa għadna qed nutilizzaw il-fondi li konna ingħatajna mill-Gvern Ċiniż.

57.05.12 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk huwiex fir-remit tal-Kunsill li jieħu ħsieb l-Ipogew li hemm f' Santa Lucija. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill jista' biss jidħol biex jaqta l-ħaxix u dan wara li jinġieb permess mingħand Heritage Malta.

57.05.13 Il-Kunsillier staqsa kienx il-ħin li jagħmel mistoqsija dwar is-siġra taż-żebbuġ. Is-Sindku nfurmat li hija talbet lill-kuntrattur sabiex imur jara x'jista' jsir u qatt ma awtorizzat li tinqala. Huwa staqsa jekk kienux ser jittieħdu passi kontra l-kuntrattur u s-Sindku nfurmat li ma kienux ser jittieħdu passi.

## 57.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet

57.06.01 Korrispondenza mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali (DLG) fejn ġejna nfurmati li konna ingħatajna € 16,000 sabiex norganizzaw l-attivita' tal-Kunċert tal-Milied. It-talba oriġinali tagħna kienet € 25,000.

57.06.02 Korrispondenza mingħand il-GAL Xlokk dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fi ħdan din il-Fondazzjoni. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat li jġedded u għal dan hemm ħlas ta' € 500 għal kull Kunsillier (€ 2,500). Il-Kunsill approva li jġedded is-sħubija tiegħu f'din il-Fondazzjoni.

57.06.03 Korrispondenza mingħand id-DLG sabiex il-Kunsilli jintroduċu l-EPOS fuq suġġeriment tal-Awditur Ġenerali. Dwar dan kien hemm qbil.

57.06.04 Korrispondenza mingħand l-AKL dwar MOU li sar bejn l-istess AKL u l-LESA fejn il-Kunsilli ser jibdew jieħdu persentaġġ mill-kontravenzjonijiet li jinħargu. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din il-korrispondenza.

57.06.05 Korrispondenza mingħand id-DLG dwar meta ser tinżamm l-attività tal-*Clean Up The World* ġewwa Santa Lucija. Kien hemm qbil li din issir is-Sibt 16 ta' Settembru 2023.

57.06.06 Korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni għall-Konservazzjoni tan-Naħla Maltija sabiex il-Kunsilli jappoġġjaw is-sejħa sabiex in-Naħla Maltija tiġi dikjarata Insett Nazzjonali. Il-Kunsill qabel.

57.06.07 Korrispondenza mingħand persuna sabiex jiġi organizzat *Foam Party* għat-tfal. Is-SE informa li huwa kien kiseb informazzjoni li l-ilma ma jkunx tossiku minħabba t-tfal u ma jagħmilx ħsara lill-ambjent. Il-Kunsill qabel.

57.06.08 Korrispondenza mingħand iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż f'Malta fejn l-attività li kellha ssir fl-1 ta' Lulju imma kellha tiġi posposta u staqsewna meta ser issir jekk hux 22, 23 u 24 ta' Lulju. Kien hemm qbil li din issir is-Sibt 22 ta' Lulju kif ukoll li l-Kunsill jikri 150 siġġu għall-kunċert li ser isir wara l-attività tad-donazzjoni.

57.06.09 Korrispondenza mingħand persuna li użat il-Ġnien tas-Serenita' sabiex tagħmel ir-*reception* tat-tieġ. Il-Kunsillier Ellul elabora fuq il-kontenut ta' din l-ittra u irringrazzja lil-Nexos għax-xogħol li sar fuq is-sistema tad-dawl.

57.06.10 Korrispondenza mingħand l-Għaqda Mużikali Madonna tad-Duttrina ta' Ħal Tarxien sabiex ikunu jistgħu jaħarqu n-nar għall-festa tagħhom. Is-SE informa li fin-*No Objection* tagħna dejjem ninsistu li trid tinżamm id-distanza skont il-liġi u li jiġu osservati r-regolamenti kollha. Huwa qal li il-ballun imbagħad jiġi f'saqajn il-Pulizija sabiex jimxu ma li nitolbu aħna imma huwa nfurmat li dawn ma għandhom apparat biex ikejlu l-qawwa tal-bombi. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsir studju analitiku sabiex permezz ta' persuna privata inkunu nistgħu inkejjlu l-qawwa ta' dawn il-bombi. Kien hemm qbil li naraw jekk hemmx fondi disponibbli għal dan it-tip ta' studju.

57.06.11 Is-SE ippreżenta 3 kwotazzjonijiet mingħand Karmig sabiex jinbidlu t-*toilets* fejn it-Tea Room fi Ġnien is-Serenita', isir xogħol fuq *planter* fi Triq ir-Rand u ssir *Drop Kerb* fi Triq Gardenja.

**57.07 Jum Santa Luċija 2023**

57.07.01 Kien hemm qbil li wara l-quddiesa u l-għoti ta' Ġieh Santa Lucija, ssir Majjalata ġewwa l-*Picnic Area* fi Ġnien tas-Serenita' għall-prezz issussidjat ta' € 10-il persuna.

**57.08 PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

57.08.01 Is-Sindku spjegat li wara li l-Kunsill kien ikkummissjona *survey*, kienet qed tissuġġerixxi li ssir laqgħa b'urġenza ladarba jkollna r-riżultat tas-*survey* f'idejna. Saret diskussjoni dwar is-suġġett fejn il-membri preżenti taw l-opinjoni tagħhom fuq il-mod kif il-proġett kien qed jiġi deskritt fuq il-medja soċjali. Il-Kunsillier Sciberras semma li ġie nfurmat li xi ħadd kien qed jagħmel telefonati lir-residenti fejn allega li s-*survey* ġie kummissjonat minnu personali. Huwa qal li huwa għamel dikjarazzjoni fejn ċaħad dan anke fuq il-medja soċjali. Il-Kunsill ikkundanna dan l-aġir u wera s-solidarjetà mal-Kunsillier Sciberras. Il-Kunsillier Sciberras staqsa lill-Kunsillier Ellul jekk għadux jagħmel parti mill-Kumitat ta' Santa Lucija FC u l-Kunsillier Ellul iddikjara li b'effett mit-13 ta' Ġunju 2023 huwa ma baqax membru ta' Santa Lucija FC peress li lanqas biss ikkontesta l-aħħar elezzjoni tal-Kumitat ta' Santa Luċija FC.

**57.09 Rapport Finanzjarju – l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2023**

57.09.01 Peress li kopja ta' dan id-dokument kienet tqassmet minn qabel lill-Kunsillieri, dan ġie meqjus bħala moqri u approvat unanimament.

**57.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 57/23**

57.10.01 L-iskeda ta' Pagamenti 57/23 ġiet approvata unanimament.

**57.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

57.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:25 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023 fil-5:30 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 27 ta' Lulju 2023.**

| | |
|---|---|
| **Charmaine St John**<br>**Sindku** | **Fabian Mizzi**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |